Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►M3 **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1484/95**

tat-28 ta' Ġunju 1995

li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE ◄

(ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 2916/95 tat-18 ta' Diċembru 1995	L 305	49	19.12.1995
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 1505/96 tad-29 ta' Lulju 1996	L 189	79	30.7.1996
►M3	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/1999 ta' l-5 ta' Marzu 1999	L 59	15	6.3.1999
►M4	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/1999 tad-29 ta' Marzu 1999	L 86	6	30.3.1999
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 816/2009 tas-7 ta' Settembru 2009	L 236	5	8.9.2009
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 248/2010 tal-24 ta' Marzu 2010	L 79	1	25.3.2010

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

▼B

▼M3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1484/95

tat-28 ta' Ġunju 1995

li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE

▼B

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it- Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-bajd ([1]), kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' l-Adezjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3290/94 ([2]) u partikolarment l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam ta' tjur ([3]), kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' l-Adezjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 u partikolarment l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni ta' kummerċ għall-ovalbumina u lactalbumina ([4]), kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' l-Adezjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 u partikolarment l-Artikoli 3(4) u 10 tiegħu,

Billi r-Regolamenti (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75, (KEE) Nru 2783/75 jipprovdu li mill-1 ta' Lulju 1995 l-importazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-prodotti li jaqgħu taħt dawn ir-Regolamenti bir-rata ta' dazju tat-Tariffa Komuni Doganali għandhom ikuni soġġetti għall-ħlas ta' dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni jekk ċerti kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż fil-qafas tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj tan-negozjati dwar il-kummerċjali multilaterali jkunu ġew imwettqa, sakemm l-importazzjoni ma tkunx tista' tfixkel is-suq tal-Komunità, jew meta l-effetti jkunu sproporzjonati ma l-objettiv intiż; billi dawn id-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni jistgħu jiġu mposti partikolarment jekk il-prezzijiet ta' l-importazzjoni jaqgħu taħt il-prezzijiet li joħolqu effett,

Billi, għalhekk, regoli speċifiċi ta' l-implimentazzjoni għandhom ikunu stabbiliti għas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għal-albumina tal-bajd u li l-prezzijiet li joħolqu effett għandhom ikunu ppubblikati;

Billi l-prezzijiet ta' l-importazzjoni li għandhom ikunu meqjusa biex ikunu mposti dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ivverifikati mal-prezzijiet rappreżentattivi fis-suq dinji jew fis-suq ta' l-importazzjoni fil-Komunità għall-prodotti f'dak il-każ; billi huwa meħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw il-prezzijiet fl-istadji varji tal-kummerċ f'intevalli regolari sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw il-prezz rappreżentattiv u d-dazji addizzjonali korrispondenti;

Billi l-importatur jista jgħażel li d-dazju addizzjonali ikun ikkalkolat fuq bażi differenti mill-prezz rappreżentattiv; billi, b'dankollu, f'dak il-każ għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-preżentazzjoni ta' garanzija ugwali għall-ammont ta' dazju addizzjonali li kien jitħallas li kieku d-dazju addizzjonali kien ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-prezz rappre-

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
([2]) ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
([3]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
([4]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 104.

▼B

żentattiv; billi l-garanzija tingħata lura jekk, f'terminu ta' żmien, tingħata prova li l-kondizzjonijiet għad-disponiment tal-konsenja ġew sodisfatti; billi, bħala parti mill-iċċekkjar a posteriori, id-dazju addizzjonali dovut ikun irkurprabbli skond l-Artikolu 220 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [1] li jistabbilixxi l-kodiċi doganali tal-Komunità; billi huwa xieraq li, fil-qafas ta' dan it-tip ta' verifikar, għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet mad-dazju dovut;

Billi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 163/67/-EEC tas-26 ta' Ġunju 1967 dwar l-iffissar ta' l-ammont addizzjonali għall-importazzjoni ta' prodotti tat-trobbija tat-tjur minn pajjiżi terzi [2], kif l-aħħar emendat permezz ta'r-Regolament (KEE) Nru 3821/92 [3] huma mibdula bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament; billi r-Regolament imsemmi qabel għandu, għalhekk, ikun mibdul sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj;

Billi jirriżulta mill-monitoraġġ regolari ta' l-informazzjoni pprovduta fuq il-bażi tal-verifika tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll ta' l-albumina tal-bajd li dazji addizzjonali għandhom jiġuimposti fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti, billi jittieħed akkont tal-varjazzjoni tal-prezzijiet skond l-oriġini; billi, għalhekk, il-prezz rappreżentattiv u d-dazji addizzjonali korrispondenti għandhom ikunu ppubblikati għal dawk il-prodotti;

Billi d-dazji addizzjonali ma jistgħux jiġu imposti partikolarment fuq prodotti importati fi ħdan kwoti ta' tariffi miftiehma skond il-qafas tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj tan-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd ma tax opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-president,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Id-dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni li hmm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(1) tar-Regolamenti (KEE) Nru 2771/75 u (KEE) Nru 2777/75 u fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru (KEE) Nru 2783/75, minn issa' l quddiem imsejjħin "id-dazji addizzjonali", japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Anness I u li joriġinaw mil-pajjiżi indikati.

Il-prezzijiet li joħolqu effett korrispondenti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(2) tar-Regolamenti (KEE) Nru 2771/75 u (KEE) 2777/75 u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2783/75 huma murija fl-Anness II.

▼M5

Artikolu 2

1. Il-prezzijiet rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 141(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tal-Kunsill [4] u fl-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KEE) Nru 2783/75 huma determinati regolarment abbażi tad-dejta miġbura fil-qafas tas-sorveljanza Komunitarja stabbilita bl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [5].

2. Dawn il-prezzijiet rappreżentattivi jidhru fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU C 129, tat-28.6.1967, p. 2577/67.
[3] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 24.
[4] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[5] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼M3

L-Artikolu 3

1. Id-dazju addizzjonali għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz *cif* ta' l-importazzjoni tal-konsenja f'dak il-każ bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

2. Meta l-prezz *cif* ta' l-importazzjoni kull 100 kg ta' konsenja ikun ogħla mill-prezz rappreżentattiv applikabbli li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 2(1), l-importatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jimportaw ta' l-anqas il-provi li ġejjin:

— il-kuntratt tax-xiri, jew kull dokument ieħor ekwivalenti,

— il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni,

— il-fattura,

— iċ-ċertifikat ta' l-oriġini (meta applikabbli),

— il-kuntratt tat-trasport,

— u, fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-polza tal-merkanzija.

▼M6

3. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 2, l-importatur għandu jippreżenta l-garanzija msemmija fl-Artikolu 248(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, li tkun daqs id-differenza bejn l-ammont ta' dazju addizzjonali tal-importazzjoni kkalkulat abbażi tal-prezz rappreżentattiv applikabbli għall-prodott ikkonċernat u l-ammont ta' dazju addizzjonali tal-importazzjoni kkalkulat abbażi tal-prezz CIF tal-importazzjoni tal-kunsinna kkonċernata.

4. L-importatur għandu jkollu xahrejn żmien mill-ġurnata tal-bejgħ tal-prodotti kkonċernati, suġġett għal limitu ta' disa' xhur mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, sabiex jipprova li l-kunsinna ntużat skont kundizzjonijiet li jikkonfermaw il-korrettezza tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Il-garanzija ppreżentata tintilef f'każ li ma tkunx rispettata xi waħda minn dawn id-dati ta' skadenza. Madankollu, il-limitu ta' disa' xhur żmien jista' jiġi estiż mill-awtoritajiet kompetenti sa massimu ta' tliet xhur oħra, fuq talba tal-importatur, li għandha tkun iġġustifikata kif xieraq.

Il-garanzija ppreżentata għandha tiġi rrilaxxata sakemm tingħata prova tal-kundizzjonijiet tal-użu għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet tad-dwana. Inkella, il-garanzija għandha tintilef bħala ħlas tad-dazji addizzjonali.

▼M3

5. Jekk wara l-verifika, l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li l-ħtiġiet ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġewx milqugħa, huma għandhom jieħdu lura d-dazju xieraq skond l-Artikolu 220 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92. L-ammont tad-dazju li għandu jittieħed lura jew li jkun fadal li jittieħed lura għandu jinkludi l-imgħax mid-data li l-oġġetti jkunu rrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera sad-data ta'meta jittieħdu lura. Ir-rata applikabbli ta' l-imgħax għandha tkun dik fis-seħħ għal ħidmiet ta' rkupru simili skond il-liġi nazzjonali.

▼B

L-Artikolu 4

1. ►M3 Jekk id-differenza bejn il-prezz li joħloq effett li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 1(2) u l-prezz *cif* ta' l-importazzjoni tal-konsenja f'dak il-każ: ◄

(a) hija anqas jew daqs 10 % tal-prezz li joħloq effett, ma għandu jkun impost l-ebda dazju addizzjonali;

(b) hija ogħla minn 10 % iżda anqas jew daqs 40 % tal-prezz li joħloq effett, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 30 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 10 %;

▼B

(ċ) hija ogħla minn 40 % iżda anqas jew daqs 60 % tal-prezz li joħloq effett, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 50 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 40 %, flimkien mad-dazju addizzjonali konċess taħt (b);

(d) hija ogħla minn 60 % iżda anqas jew daqs 75 %, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 70 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 60 % tal-prezz li joħloq effett, flimkien mad-dazji addizzjonali konċessi taħt (b) u (ċ);

(e) hija ogħla minn 75 % tal-prezz li joħloq effett, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 90 % ta' l-ammont li bih id-differenza teċċedi 75 %, flimkien mad-dazji addizzjonali konċessi taħt (b), (ċ) u (d).

▼M4

_____

▼B

L-Artikolu 5

Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizzjattiva tagħha stess, taġġusta l-Anness I.

B'dankollu, il-Kummissjoni tista taġġusta l-prezzijiet rappreżentattivi jekk dawn il-prezzijiet huma mill-inqas 5 % differenti mill-prezzijiet iddeterminati.

▼M5

Artikolu 6

Id-dazji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 1 mhumiex applikabbli fil-każ tal-importazzjonijiet imwettqa fil-qafas tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 ([1]), (KE) Nru 539/2007 ([2]), (KE) Nru 616/2007 ([3]), (KE) Nru 1385/2007 ([4]) u (KE) Nru 536/2007 ([5]).

▼B

L-Artikolu 7

Ir-Regolament (KEE) Nru 163/67/KEE huwa mħassar.

L-Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tieghu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

_____

([1]) ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9.
([2]) ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19.
([3]) ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.
([4]) ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47.
([5]) ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6.

▼B

ANNESS I

The annex is not included in this consolidated act. It is regularly replaced by up-to-date administrative acts within the framework of agricultural policy and generally has a limited period of validity.

▼B

L-ANNESS II

Kodiċi NM	Prezz li joħloq l-effett ECU/100 kg
0105 11 11	8 588,0
0105 11 19	8 588,0
0105 11 91	8 588,0
0105 11 99	8 588,0
►M1 0105 12 00 0105 19 20 ◄	3 242,3
0105 19 90	14 525,0
►M1 0105 92 00 0105 93 00 ◄	55,8
0105 99 10	115,1
0105 99 20	185,9
0105 99 30	147,8
0105 99 50	133,3
►M1 0207 11 10 ◄	142,3
►M1 0207 11 30 ◄	100,2
►M1 0207 11 90 ◄	128,5
►M1 0207 24 10 ◄	170,0
►M1 0207 24 90 ◄	250,0
►M1 0207 32 11 ◄	158,8
►M1 0207 32 15 ◄	185,1
►M1 0207 32 19 ◄	173,5
►M1 0207 32 51 ◄	207,1
►M1 0207 32 59 ◄	257,3
►M1 0207 32 90 ◄	173,2
►M1 0207 12 10 ◄	98,8
►M1 0207 12 90 ◄	131,2
►M1 0207 25 10 ◄	177,7
►M1 0207 25 90 ◄	179,8
►M1 0207 33 11 ◄	170,1
►M1 0207 33 19 ◄	167,9
►M1 0207 33 51 ◄	200,0
►M1 0207 33 59 ◄	248,2
►M1 0207 33 90 ◄	204,5

▼B

Kodiċi NM	Prezz li joħloq l-effett ECU/100 kg
►M1 0207 13 10 ◄	339,8
►M1 0207 13 20 ◄	100,0
►M1 0207 13 30 ◄	180,0
►M1 0207 13 50 ◄	227,1
►M1 0207 13 60 ◄	158,1
►M1 0207 13 70 ◄	310,7
►M1 0207 13 99 ◄	100,0
►M1 0207 26 10 ◄	339,0
►M1 0207 26 20 ◄	342,3
►M1 0207 26 50 ◄	279,9
►M1 0207 26 60 ◄	142,9
►M1 0207 26 70 ◄	177,8
►M1 0207 26 80 ◄	200,0
►M1 0207 26 99 ◄	216,7
►M1 0207 35 11 ◄	435,3
►M1 0207 35 15 ◄	423,2
►M1 0207 35 23 ◄	133,3
►M1 0207 35 31 ◄	100,0
►M1 0207 35 41 ◄	78,3
►M1 0207 35 51 ◄	463,4
►M1 0207 35 53 ◄	331,9
►M1 0207 35 61 ◄	309,7
►M1 0207 35 63 ◄	164,2
►M1 0207 14 10 ◄	333,5
►M1 0207 14 20 ◄	251,1
►M1 0207 14 30 ◄	97,5
►M1 0207 14 40 ◄	80,0
►M1 0207 14 50 ◄	235,7
►M1 0207 14 60 ◄	158,9
►M1 0207 14 70 ◄	316,6
►M1 0207 14 99 ◄	143,4
►M1 0207 27 10 ◄	329,9
►M1 0207 27 20 ◄	337,8
►M1 0207 27 40 ◄	80,8

▼B

Kodiċi NM	Prezz li joħloq l-effett ECU/100 kg
►M1 0207 27 50 ◄	280,0
►M1 0207 27 60 ◄	111,1
►M1 0207 27 70 ◄	172,7
►M1 0207 27 80 ◄	233,3
►M1 0207 27 99 ◄	131,3
►M1 0207 36 11 ◄	465,3
►M1 0207 36 15 ◄	354,5
►M1 0207 36 21 ◄	100,0
►M1 0207 36 23 ◄	133,3
►M1 0207 36 31 ◄	107,8
►M1 0207 36 41 ◄	81,1
►M1 0207 36 51 ◄	432,4
►M1 0207 36 53 ◄	308,3
►M1 0207 36 61 ◄	309,7
►M1 0207 36 63 ◄	166,0
►M1 0207 36 71 ◄	234,5
►M1 0207 36 79 ◄	500,0
►M1 0207 36 90 ◄	163,2
0209 00 90	135,8
►M1 1602 32 11 1602 39 21 ◄	318,6
0407 00 11	935,9
0407 00 19	743,6
0407 00 30	52,7
0407 11 80	343,3
0408 19 81	69,6
0408 19 89	111,9
0408 91 80	271,4
0408 99 80	59,7
►M1 3502 11 90 ◄	521,5
►M1 3502 19 90 ◄	51,7